MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2011

Appell Civili - Ghawdex Numru. 836/2007/1

**Mary Pauline Portelli**

**vs**

**Direttur Servizzi tal-Kummerc**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat li fl-20 ta’ Ottubru 2010, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – Inferjuri Civili ppronunzjat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*“ Il-Qorti,*

*Rat ir-Rikors ta’ l-istess Mary Pauline Portelli tal-21 ta’ Novembru 2007.*

*Rat ir-Risposta tad-Direttur Servizzi tal-Kummerċ.*

*Rat l-atti l-oħra tar-Rikors, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.*

*Rat in-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tar-rikorrenti.*

*Ikkunsidrat:*

*Ili din hija proċedura taħt l-artikolu 466 tal-Kap. 12 fejn ir-rikorrenti qed tikkontesta titolu eżekuttiv tad-Direttur Servizzi tal-Kummerċ dwar l-ammont indikat fir-Rikors.*

*F'dan ir-rikors tagħha Mary Pauline Portelli tgħid illi m'għandhiex tħallas l-ammont mitlub għar-raġuni illi meta marret għand il-Pulizija biex tapplika għal-liċenzja biex topera canteen fi skola govenattiva r-Rabat, Għawdex, ġiet infurmata li fiċ-ċirkostanzi ma kienx hemm il-ħtieġa li tinħarġilha liċenzja għal dan il-għan. L-ittra uffiċċjali li biha l-intimat preżenti d-Direttur Servizzi tal-Kummerc fittex li jikseb titolu esekuttiv tirrigwarda kont għall-ħlas tal-liċenzja kummerċjali għall-perijodu bejn is-sena 2002 u l-2006.*

*Irriżulta minn dak li xehdet ir-rikorrenti,[1] illi f'Settembru tas-sena 1997 ir-rikorrenti kienet ħadet f'idejha t-tmexxija tal-canteen ta' l-iskola Agius de Soldanis fir-Rabat. Il-Kap ta' l-Iskola qaltilha biex tmur tapplika għal-liċenzja mingħand il-Pulizija, li dik il-ħabta kienu joħorġu l-permessi tal-ħwienet. Imma meta marret għand il-Pulizija biex tapplika, ġiet infurmata illi ma kienx hemm il-ħtieġa ta' ebda liċenzja biex topera canteen ta' skola u għalhekk ma ħallset xejn. Dwar dan ġiet anke ikkoroborata bix-xhieda tas-surġent PS 73 Josef Camilleri, li kkonferma li sakemm dawn il-liċenzji kienu għadhom f'idejn il-Pulizija, qatt ma nħarġu liċenzji rigward canteens fl-iskejjel.[2] Dan il-canteen ma baqgħetx toperah wara s-sena 2005.*

---

*Madankollu rriżulta ndubbjament illi lir-rikorrenti, jekk mhux mill-Pulizija minn xi entita' governattiva oħra li dak iż-żmien kienet inkarigata mill-ħruġ ta' dan it-tip ta' liċenzji, fit-3 ta' Frar 1998 kienet inħarġitilha liċenzja (old trade licence) bin-numru 11/631 biex topera tuck shop fuq applikazzjoni numru Z/A/62/97.[3] Irriżulta wkoll illi, almenu sas-sena 2001, ir-rikorrenti kienet in regola fil-ħlas tad-dritt dovut għal din il-liċenzja għax il-ħlas mitlub ikopri biss il-perijodu 2002 - 2006.[4] Id-dritt dovut għal kull sena, skond l-istess dokument huwa ta' EUR 456.56, li għall-ħames snin in eżami jlaħħaq total ta' EUR 2282.80, li fi flus maltin iġibu LM980, proprju l-ammont li ntalab permezz ta' l-ittra uffiċċjali kontestata.*

*Għal dawn il-motivi, peress illi l-kontestazzjoni tar-rikorrenti ta' l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Novembru 2007 spedita kontra tagħha ma tirriżultax ġustifikata, tiċħad it-talba u tiddikjara t-talba tad-Direttur Servizzi tal-Kummerċ bħala waħda għal kollox fondata fil-liġi u konsegwentement esegwibbli taħt l-artikolu 466 tal-Kap. 12.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti Mary Pauline Portelli."*

Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrent Mary Pauline Portelli fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza imsemmija u tilqa l-kontestazzjoni tal-appellanta fir-rigward tal-ittra ufficcjali numru 836/07 spedita lilha mid-Direttur Servizzi tal-Kummerc, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess Direttur Servizzi tal-Kummerc appellat.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghall-Gimgha, 8 ta' April 2011 fejn l-appellat talab zmien sabiex tigi prezentata risposta ghalkemm ser issir it-trattazzjoni llum. Peress li ma kienx hemm opposizzjoni tal-appellanta, il-Qorti kkoncediet sebgha t' ijiem ghall-prezentata tar-risposta b'dan illi fl-istess risposta jigi trattat biss dak li ser jigi trattat verbalment fis-seduta. Id-difensuri tal-partijiet

---

trattaw il-kaz, u l-appell gie differit ghas-sentenza ghall-15 ta' Gunju 2011.

Rat ir-risposta tad-Direttur Servizzi tal-Kummerc datata 14 ta' April 2011 fejn talab li din il-Qorti tichad it-talbiet tal-appellanta *in toto* u tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Sede Inferjuri nhar l-20 ta' Ottubru 2010.

Rat l-atti kollha relattivi.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi b'ittra ufficjali datata 7 ta' Novembru 2007 id-Direttur Servizzi tal-Kummerc, illum appellat kien interpella lill illum appellanti l-hlas tas-somma ta' Lm980 (ekwilalenti ghall 2,282.79 Euro) rappresentanti hlas ta' licenzja Numru 11/631 ghall perjodu bejn is-sena 2002 u 2006. L-appellanti prezentat rikors a tenur tal-**artikolu 466 tal-Kap. 12** fejn talbet li jigi ddikjarat li tali nterpelallazzjoni hija wahda infondata peress li sostniet li meta applikat ghall licenzja sabiex topera canteen fl-Iskola Sekondarja Agius de Soldanis, Rabat Ghawdex, li hija baqghet topera sas-sena 2005, hija giet informata li ma kellhiex bzonn ta' licenzja u ma kien dovut allura ebda hlas.

Illi b'sentenza datata 20 ta' Ottubru 2010 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) inghad li ghalkemm l-appellanti sostniet li meta fil-1997 hija marret sabiex tottjeni licenzja minghand il-Pulizija sabiex topera canteen fl-imsemmija skola, u dan sabiex tbiegh oggetti mill-istess, hija giet informata li ma kienx hemm bzonn licenzja u dan gie kkonfermat mix-xhieda ta' P.S. 73 Josef Calleja, li qal b'mod generali li sakemm dawn il-licenzji kienu jinhargu mill-Pulizija ma kien hemm ebda licenzja ta' tmexxija ta' canteens fl-iskejjel, xorta wahda rrizulta li kien licenza fuq l-appelanti Numru 11/631 li inharget wara applikazzjoni numru Z/A/62/97 u li sar hlas regolari tal-istess sas-sena 2001, u kien baqa' biss ghas-snin 2002 sal-2006 li kien ta'

456.56 fis-sena ammontanti allura ghall 2,282.80 Euro (Lm980) u ghalhekk cahdet it-talba tar-rikorrenti.

Illi fl-appell odjern inghad li (a) li kien hemm konstatazzjoni hazina ta’ fatti peress li ghalkemm inghad fis-sentenza li l-appellanti kienet halset l-ammont allegatament dovuti sas-sena 2001 ghall-imsemmija licenzja, fil-fatt dan ma huwiex minnu ghaliex l-appellanti ma hallset xejn, u l-ammont mitlub fil-fatt jirreferi ghaz-zmien meta l-amministrazzjoni u l-hrug ta’ l-istess licenzji ghaddew mill-Pulizija ghall-ghand id-Direttur appellat, tant li fil-fatt mix-xhieda tal-Pulizija nghad li ma kien hemm ebda ricevuti ezistenti ta’ hlas; fil-fatt qatt ma kien esegiet hlas minghandha u dan peress li hija qatt ma kellha licenzja fuqha, u dan tant huwa minnu li hija kieku kienet taf kienet tmur titrasferixxi l-licenzja li nghad illum li kienet fuqha sabiex iddur fuq min giet trasferita; (b) Il-Qorti sostniet li inharget minn min inharget din il-licenzja trid tithallas u dan meta skont l-appellanti, id-Direttur tas-Servizzi tal-Kummerc kien xehed li tali licenzja inharget mill-Pulizija u mbaghad ghaddiet ghandhu minn Mejju 2002, tant li inghad li kienet inharget fit-3 ta’ Frar 1998 sabiex Mary Pauline Portelli (I.D. Nru. 61858 G) topera *tuck shop* fl-imsemmija skola, izda dan irid jittiehed fl-isfond ta’ dak li xehdet il-Pulizija f’din il-kawza, li fil-kazijiet ta’ tuck shop jew canteens ma kienx hemm bzonn ta’ licenzja (xhieda ta’ P.S. 73 Josef Camilleri – 20 ta’ Mejju 2009) u allura l-appellanti qed tigi mgieghla thallas ghall licenzja li skond l-awtoritajiet lanqas kien hemm bzonn taghha, tant li hija qatt ma hallset ghall-ebda licenzja proprju minhabba dak indikat minnha.

Illi fir-risposta tal-appell tieghu l-appellat sostna li l-appell ma jistax jig milqugh u dan peress (a) li l-provi jindikaw li minkejja dak li qed isostni l-appelanti li hija ma kellhiex u lanqas kellha bzonn licenzja sabiex topera canteen jew tuck shop il-provi juru li kien hemm licenzja mahruga fugha proprju ghall dan l-iskop, licenzja datata 3 ta’ Frar 1998 Numru Z/A/62/97 u allura tenut kont ta’ dan l-Qorti kellha timxi fuq l-ezistenza tal-istess u l-fatt li din kienet inharget u baqghet ghas-snin relevanti fuq l-appellanti; (b) Il-licenzji b’effett tal-Att XXVII ta’ l-2001 – Kap. 441 ghaddew minghand il-Pulizija ghall ghand l-appellat, u ma

hemm ebda dubju li kull min imexxi attivita' kummercjali skond il-ligi ghandu bzonn l-licenzja qabel mahruga mill-Pulizija, u llum mid-Dipartiment koncernat. Saret ukoll riferenza ghall **artikolu 2 tal-Kap 10 u l-Avviz Legali 120 ta' l-1992** u d-definizzjoni ta' hanut u li tali definizzjoni kienet tkopri l-attivita' tal-appellanti, mertu tal-kawza odjerna, apparti li dak li xehed l-istess ufficjal tal-Pulizija f'din il-kawza huwa zbaljat u adirittura mmur kontra l-ligi, u allura l-istess appellanti ghandha thallas ghall l-istess licenzja ghaz-zmien li din ghamlet fuq isimha, peress li din ma gietx imhassra minn fuqha ghaliex ma talbietx hija.

Illi din il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawza thoss li l-appell odjern ma jistax jigi milqugh u dan peress li legalment jirrizulta li fiz-zmien relattiv meta l-appellanti riedet topera *tuck shop* hija kellha bzonn il-hrug tal-licenzja tal-Pulizija u dan anke skond dak li kien jiddisponi l-**artikolu 181 tal-Kap. 10** tant li dan kien jipprovdi li:-

*"Hadd ma jista' jiftah jew izomm hanut ghall bejgh ta' oggetti jew ta' merkanzija, sew bl-ingrossa kemm bl-imnut, jew ghall-ezercizzju fih ta' l-arti jew sengha, u hadd ma jista' jezercita' l-mestier ta' bejjiegh fit-toroq, minghajr il-licenza mill-Kummissarju tal-Pulizija".*

Illi fil-fatt **artikolu 2 tal-Kap. 10** jiddefinixxi "hanut" bhala *"kull hanut, posta, mahzen, hanut tax-xorb, hanut tal-ikel, tverna, jew post iehor fejn tinbiegh merkanzija, jew tinhadem arti jew sengha".*

Illi l-istess kien jipprovdi **artikolu 2 tal-Avviz Legali ta' l-1992** mahrug taht l-**Kap. 128 – Att dwar il-Licenzji tal-Pulizija –** fis-sens li dan kien jirreferi li ezistenza ta' licenzja *"(a) ftuh jew zamma ta' xi hanut ghall bejgh ta' xi oggetti jew ta' merkanzija, sew bl-ingrossa kemm bl-imnut".*

Illi ghalhekk la darba l-attivita' li intraprendiet l-appellanti kienet wahda ta' bejgh din kienet tirrikjedi l-hrug ta' licenzja, dak iz-zmien mill-Pulizija, u dan kif jirrizulta mill-ligi, u dan kif logikament giet applikata u interprettata fis-sentenza citata **"Il-Pulizija vs Francis Zammit"** (A.K.

(VDG) – 11 ta' April 2002); **"Il-Pulizija vs Alfred Seguna"** (A.K. – 27 ta' April 2000); **"Antonio Vassallo et vs Joseph Falzon"** (A.C. – 20 ta' Novembru 1961) u **"Maria Zammit vs Riccardo sive Ludgardo Buttigieg"** (P.A. (WH) – 26 ta' Ottubru 1935).

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti mhux qed taccetta l-argumentazzjoni tal-appellanti li hija ma kellhiex bzonn licenzja ghaliex P.S 73, Josef Camilleri xehed li jidher li f'Ghawdex qatt ma inharget licenzja ghall operazzjoni ta' canteen jew tuck shop, u dan peress li tali xhieda hija manifestament inkorretta, u tali asserzjoni tmur kontra l-ligi, anke dik hawn citata, apparti li hija kontradetta wkoll mill-fatt li fil-kaz in ezami harget licenzja bin-numru 11/631 fuq applikazzjoni tal-appellanti stess Z/A/62/97.

Illi proprju l-ezistenza tal-istess licenzja tikkontradixxi wkoll it-tezi tal-appellanta fejn tghid li hija ma kellha bzonn ebda licenzja, ghaliex hekk qalula l-pulizija meta applikat, haga li ma jistax ikun li tigi accettata minn din il-Qorti, meta hemm prova tal-istess licenzja bhala fatt; f'dan il-kuntest allura l-versjoni tal-appellanti hija kontradetta mill-ahjar prova u cjoe' l-ezistenza tal-licenzja nnifisha u ghalhekk l-Ewwel Qorti jirrizulta li ghamlet evalwazzjoni tal-provi sew meta mxiet fuq dak li gie ppruvat quddiema, u cjoe' n-necessita' ta' licenzja skond il-ligi, l-ezistenza tal-istess licenzja, u n-nuqqas ta' hlas ta' licenzja ghall-perjodu relattiv indikat fl-ittra ufficjali Numru 836/2007 u cjoe' l-perjodu bejn is-sena 2002 u 2007.

Illi dan apparti li fuq natura ta' apprezzament ta' provi din il-Qorti bhala Qorti tas-Sekonda Istanza mhux normali li tidhol sabiex tinferixxi ruhha fuq id-diskrezzjoni li ghandha fuq l-istess l-Ewwel Qorti li tkun hija li semghet il-provi hlief naturalment f'kazi eccezzjonali bhal meta jidher li tali evalwazzjoni kienet manifestament zbaljata jew inkella fuq il-provi li kien hemm, l-Ewwel Qorti lanqas setghet tasal ghall konkluzzjoni minnha raggunta ghaliex palezament ma kienitx fil-parametri tax-xhieda quddiema prodotta. Hekk fil-fatt gie konstantement ritenut Illi dan huwa certament punt ta' fatt u f'dan il-kuntest jinghad li kif gie kkonfermat fis-sentenzi fl-ismijiet **"Teresa Schembri et**

**vs Carmel Cassar et”** (A.I.C. (RCP) – 27 ta’ Mejju 2010) u **“Vincent Abdilla vs Angelika Bonnici”** (A.I.C. (RCP) – 27 ta’ Jannar 2011) li:-

*“l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta’ l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta’ kompetenza superjuri u ghandu jsir biss f’dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali illi jikkonvincu lill-Qorti ta’ revizjoni illi l-apprezzament ta’ l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat illi altrimenti tkun ser tigi krejata ingustizzja. Dan ghaliex huwa car li l-Ewwel Qorti (jew f’dan il-kaz il-Bord tal-Kera) kellha l-opportunita` li tisma’ x-xhieda viva voce u kienet f’qaghda ferm aktar favorevoli biex tifforma opinjoni obbjettivament korretta tal-kredibilita` o meno taghhom. Vantagg li l-Qorti ta’ l-Appell generalment m’ghandhiex. (ara* ***“Elena Magri et vs Rosaria sive Rosa Borg”*** *(A.C. – 10 ta’ Frar 1961);* ***“Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella”*** *(A.C. - 5 ta’ Ottubru 2001);* ***“Carmelo Agius vs John Agius”*** *(A.C. (Inferjuri) – 2 ta’ Dicembru 1994);* ***“Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe”*** *(A.I. C. – 5 ta’ Marzu 2003) u recentement* ***“Dr. Adrian’s Garden Centre Co. Limited vs A.X. Construction Limited”*** *(A.C. – 4 ta’ Lulju, 2008))”* .

Illi jinghad ukoll li minhabba d-disposizzjonijiet tal-**Att XXVII tal-2001 (Kap. 441) tal-Ligijiet ta’ Malta** l-amministrazzjoni u l-hrug ta’ licenzji waqa’ taht d-Dipartiment odjern u allura f’dan is-sens jirrizulta li l-fatt li ghaz-zmien relattiv din it-talba ghall tal-licenzja saret mill-appellat hija wkoll korretta. Jinghad ukoll li in vista’ ta’ dak ritenut, inkluz l-istat tal-Ligi, u l-provi prodotti, jindikaw li effettivament l-appellanti kellha l-licenzja fuqha sabiex topera l-istess tuck shop, u li ma hallsitx ghall perdjodu ndikat, u li l-istess licenzja kienet ghall tali perjodu f’isimha, u ghalhekk iz-zewgt aggravvji taghha huma bla bazi u ghalhek qed jigu michuda ghaliex infondati fil-fatt u fid-dritt.

## <u>III. KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk ghall dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi fil-waqt li tilqa' r-risposta tal-appellat id-Direttur Servizzi tal-Kummerc datata 14 ta' April 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Mary Pauline Portelli datat 8 ta' Novembru 2010** ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn premessi u b'hekk din il-Qorti tikkonferma d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri fl-ismijiet **"Mary Pauline Portelli vs Direttur Servizzi tal-Kummerc"** datata 20 ta' Ottubru 2010 (Rikors 836/07) ghall finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-appellanti Mary Pauline Portelli.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------